**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*April - Mejju 2016* *Nru: 395*

## Mimlijin bl-Ispirtu ta' Ġesù



Is-Sliem għalikom! It-tislima ta' Ġesù Rxoxt tidwi f'widnejna u qalbna f'dawn il-jiem tal-Għid. Smajniha kemm-il darba fil-Vanġelu u nemmnu li l-Mulej qiegħed jgħid lilna llum dak li qal lid-dixxipli meta qam mill-mewt.

Imma filwaqt li din il-paċi nixtiequha nintebħu li ta' sikwit tonqosna u nsibu li m'aħniex kapaċi ngħixuha fid-dinja. Tabilħaqq il-paċi ta' Ġesù tidher sabiħa imma nbatu ħafna biex nagħmlu esperjenza tagħha.

Il-paċi li jagħti Ġesù hija speċjali għaliex hija għotja. Hu ma jagħtix xi ħaġa astratta imma ħajtu stess bħala sinjal tal-paċi. Ma joffrix ideoloġija ta' konvivenza paċifika imma jonfoħ fuqna l-istess Spirtu tiegħu.

Jista' jkollna l-paċi f'qalbna meta l-ħajja tagħna tkun animata mill-istess imħabba ta' Ġesù li jagħti ħajtu biex lilna jdaħħalna f'relazzjoni ħajja u intima mat-Trinità.

Nistgħu nsiru sinjal ta' paċi għad-dinja meta kull għażla tagħna tirrifletti l-imħabba ta' Alla-Trinità fl-azzjonijiet konkreti tagħna li rċevejna ħajja mġedda permezz tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù.

*P.Christian Anthony Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Inti Itqajt ma’ Kristu Rxoxt?



Fi żmen it-Tieni Gwerra Dinjija, Corrie Boom kienet priġuniera fil-kamp tal-konċentrament ta’ Ravensbruck. Meta ġiet meħlusa, hi bdiet taqbida twila u diffiċli biex taħfer lil dawk li tant ġagħlu lilha u lill-familja tagħha jbatu. Fl-1947, tliet snin wara li nħelset, Corrie kienet qegħda tagħmel taħdita dwar il-maħfra fi knisja fi Munich. Fl-aħħar tat-taħdita, raġel mibni resaq lejha. Hi għarfitu mill-ewwel, u ħasset demmha jiksaħ. Ħafna memorji ta’ terrur fil-kamp reġgħu xegħlu f’moħħha....il-linja twila ta’ nies għadma u ġilda, l-umiljazzjoni li trid timxi għarwiena quddiem dan il-bniedem, id-dehra t’oħtha bl-għadam kollu jidher u magħdud.

Dan ir-raġel kien għassies f’dak il-kamp. Issa ġie quddiemha, b’idu maħruġa lejha. Qalilha: “X’messaġġ sabiħ għadek kif għaddejtilna! Kemm hu sabiħ li tkun taf, kif għidt inti, li dnubietna kollha jinsabu f’qiegħ il-baħar! Inti semmejt lil Ravensbruck. Jiena kont għassies hemm. Minn dak iż-żmien sirt nisrani. Naf li Alla ħafirli għall-kattiveriji li wettaqt hemmhekk. Imma nixtieq nismagħha minn għandek...Sinjorina....inti taħfirli?”

Corrie ħasset qalbha iebsa daqs iż-żonqor. Ma setgħetx taħfirlu. Ftakret fl-għażiża oħtha li mietet mewta bil-mod u terribbli f’dak il-post. Kif setgħet taħfer dak kollu? Imbagħad f’qalbha talbet bil-ħniena lil Ġesù mqajjem mill-mewt: “Ġesù għinni. Ma nistax naħfer. Bil-qawwa tiegħek nasal.” Dak il-ħin ħarġet idha u qabditlu idu. Il-qalb iebsa minnufih ħassitha tirtab u għajnejha mtlew bid-dmugħ. “Naħfirlek ħija, u b’qalbi kollha”. Għal tul ta’ ħin, l-ex-priġuniera u l-ex-għassies iċċassaw

lejn xulxin. Corrie tgħid li qatt ma’ ħasset l-imħabba t’Alla u l-ħelsien tiegħu daqs f’dak il-mument.

Corrie iltaqgħet ma’ Ġesu’ù Rxoxt. Hi ħarġet mill-qabar tagħha. U jien u int? Iltqajna miegħu? Meta sa noħorġu mill-qabar tal-għira, mill-qabar tal-mibegħda, mill-qabar ta’ xi vizzju, mill-qabar tan-negattività, mill-qabar ta’ swied il-qalb, mill-qabar tal-ġudizzji..? Forsi fl-aħħar inkunu nistgħu inqumu miegħU!!

## Il-Familja tagħna

Fid-29 ta’ Frar mietet Ġuditta Gauci u l-għada l-komunità parrokkjali fdatha f’idejn il-Missier permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-funeral.

Fis-26 ta’ Marzu, fil-lejl qaddis tal-Għid il-Kbir, iċċelebrajna l-Magħmudija ta’ Adele Camilleri u fit-2 ta’ April – fit-Tieni Ħadd tal-Għid – ilqajna fil-familja nisranija lil Krista Grech u Kate Agius permezz tas-Sagrament tal-Magħmudija.

Fi tmiem il-quddiesa t-tfal tal-parroċċa li ħadu sehem f’attività organizzata mill-Kummissjoni Familja Nisranija ppreżentaw kartolina lill-familiji taż-żewġ trabi f’isem il-parruċċani kollha.



# Dar Ġdida

Matul l-aħħar sena u nofs stajtu tindunaw li kien qiegħed isir xogħol fuq id-dar ta' faċċata tal-kunvent tal-patrijiet. Din inbniet mill-ġdid biex tintuża bħala dar parrokkjali li fiha jsir ix-xogħol amministrattiv tal-parroċċa. Sa jkun fiha l-uffiċċju tal-kappillan, l-arkivju tal-parroċċa, post fejn jiltaqgħu il-kummissjonijiet jew kumitati u fejn jaħdmu dawk li jgħinu fix-xogħol tal-uffiċċju. Barra minn hekk sa jkun hemm sala mdaqqsa li fiha jistgħu jsiru *bazaars, wirjiet* u attivitajiet oħra. Nirringrazzjaw lill-komunità tal-patrijiet u lill-benefatturi tal-għajnuna kbira li taw mingħajr daqq ta' trombi. Kienu ħafna dawk li ħadmu bil-qalb għal sigħat twal mingħajr ma tħallsu tax-xogħol li għamlu b'risq il-parroċċa.

Fadal l-aħħar ftit xogħol u ftit tal-ġimgħat oħra din id-dar inkunu nistgħu ninawgurawha. Imma biex tintuża għall-ġid tal-komunità parrokkjali neħtieġu l-għajnuna ta' ħafna minnkom. Nixtiequ li jkun hemm xi ftit nies li jistgħu joffru ftit tal-ħin (forsi xi siegħa fil-ġimgħa jew kull ġimgħatejn) biex jagħtu daqqa t'id billi jimlew xi karti, jimpustaw xi ittri, jagħmlu xi fotokopji, jieħdu ħsieb xi *files* jew inaddfu xi ftit.... kulħadd skont dak li jħossu l-aktar komdu jagħmel. Hekk il-kappillan ikun jista' jagħti aktar ħin għall-ħidma pastorali mingħajr ma jittraskura l-organizzazjoni. Minn issa nirringrazzjaw lil kull min sa joffri l-għajnuna tiegħu.



## Ix-Xahar ta' Mejju

Ix-Xahar ta' Mejju huwa x-xahar li fih indawwru ħarsitna b'mod speċjali lejn Ommna Marija bħala dik il-mara li kienet dejjem miftuħa għall-Kelma ta' Alla u għażlet li tilqa' r-rieda tiegħu għal ħajjitha.

Permezz tat-talba tar-rużarju nimmeditaw il-ħajja ta' Ġesù flimkien ma' Marija. Magħha nimxu pass pass wara l-Mulej, fuq l-eżempju tagħha nieqfu taħt is-salib, għall-kelma tiegħu nilqgħuha bħala ommna li tieħu ħsieb il-fidi tagħna.

Tkun ħaġa sabiħa li matul dan ix-xahar nerġgħu niskopru aktar is-sbuħija ta' din it-talba sempliċi li tul is-snin saħħet fil-fidi ta' tant qaddisin.

**Kull nhar ta' Tnejn** nistednukom tingħaqdu magħna **fis-6.30pm fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja** biex nitolbu flimkien ir-rużarju bi ħsieb qasir dwar il-Madonna.



## *Niċċelebraw il-Fidi Tagħna*

L-esperjenza tal-fidi tagħna u l-għaqda ma' ħutna l-insara fil-Knisja ssir ċelebrazzjoni ħajja ta' fidi fil-Liturġija. Hija s-servizz tal-poplu lil Alla u ta' Alla għall-ġid tal-poplu tiegħu li rċieva ħajja ġdida permezz tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù.



Biex nifhmu aħjar dak li jsir fil-liturġija sa jsiru erba' laqgħat fuq dan is-suġġett fil-parroċċa tagħna. Kulħadd huwa mistieden imma nitolbu b'mod partikulari lil dawk kollha li jagħtu xi servizz fil-liturġija li niċċelebraw fil-parroċċa biex jieħdu sehem.

Inħeġġu lil dawk li jixtiequ joffru xi servizz fil-futur biex jattendu wkoll. Fi żmien il-festa jingħata l-mandat ta' letturi għas-sena li ġejja lil dawk li jkunu ħadu sehem.

Il-laqgħat li jibdew **fis-7.30pm fil-Knisja** sa jkunu dawn:

**It-Tlieta 3 ta' Mejju –** Dun Michael Bugeja, Ċerimonier ta' Mons. Arċisqof ikellimna fuq it-*Tifsira tal-Liturġija u l-Arti taċ-Ċelebrazzjoni.*

**It-Tlieta 10 ta' Mejju –** P. Anton Farrugia OFM ikellimna fuq l-*Arkitettura Sagra.*

**It-Tlieta 17 ta' Mejju –** Dun Abraham D'Amato ikellimna fuq il-*Kant fil-Liturġija.*

**It-Tlieta 24 ta' Mejju –** P. Christian Borg OFM Conv ikellimna fuq il-*Ministeru tal-Letturi.*

## *Konkors Sena tal-Ħniena*

Tkun ħaġa xierqa li matul din is-sena ngħinu lil xulxin naħsbu fuq il-ħniena kbira ta' Alla. Għalhekk qegħdin nitolbukom tieħdu sehem f'dan il-konkors b'xi riflessjoni li tgħin lil parruċċani oħra matul din is-sena. Din tista' tkun forma ta' tpinġija, poeżija, rakkont, xogħol tal-idejn … Nixtiequ li jieħu sehem kulħadd: kbar u żgħar. Dak li tibgħatu jista' jidher f'dan il-fuljett u fuq is-sit elettroniku tal-parroċċa. Aktar tard ix-xogħolijiet kollha jkunu esposti fis-sala tad-dar parrokkjali l-ġdida fl-okkażjoni tal-ftuħ tagħha. Għandkom ċans sal-aħħar ta' Mejju biex tgħaddu x-xogħol tagħkom lill-kappillan.

## Kalendarju – April 2016

**2** Quddiesa bil-Magħmudijiet fis-7pm. Waqt l-omelija ssir katekeżi għat-tfal dwar il-magħmudija fil-*crying room.*

**4** Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej *(Il-Lunzjata).*

**19** Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

**21** Konċelebrazzjoni tal-Quddiesa fis-7pm f'għeluq ix-xahar mill-mewt tal-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca.

**23** Pasta Night fiċ-Ċentru Parrokkjali fit-8pm organizzata mill-Kumitat tal-Festa. *Booking fis-sagristija jew fuq 99257257.*

**26** Adorazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Appostolat tal-Ħniena Divina.

# Kalendarju – Mejju 2016

**1** Bazaar fil-*crying room.*

**6** Quddiesa fil-Parroċċa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fil-Fontana Għawdex fis-7pm. (Din il-parroċċa hija ġemellata mal-parroċċa tagħna).

**7** Bejn l-10am u 12pm tkun miftuħa l-librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**7** Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja bejn is-6pm u s-7pm.

**8** Tlugħ tal-Mulej fis-Sema (Lapsi). Niċċelebraw ukoll Jum l-Omm.

**15** Għid il-Ħamsin.

**22** Solennità tat-Trinità Mqaddsa.

**29** Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesù (Corpus)
Fl-10am ikun hawn quddiesa li fiha ssir l-Ewwel Tqarbina tat-Tfal.
Wara l-quddiesa tas-7pm ssir purċissjoni b'Ġesù Sagramentat fit-toroq tal-parroċċa li fiha jieħdu sehem it-tfal li jkunu għamlu l-ewwel tqarbina filgħodu.

**30** 52 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fis-7pm issir Quddiesa Solenni. Jieħdu sehem f'din il-quddiesa l-għaqdiet kollha tal-parroċċa.

**31** Adorazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Appostolat tal-Ħniena Divina.